MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 47/2015

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Karl STIVALA [ID 540985M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-23 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' erba' mija u disghin euro u wiehed u ghoxrin centezmi ta' euro [€490.21c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba mija u disghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€490.21) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40145080 moghtija mis-socjeta attrici skont l-

annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-registru Elettorali ta' Malta.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-4 ta' Marzu, 2015 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex xejn m'hu dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici".

Semgha x-xhieda ta' Charmaine Wiffen rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li l-intimat naqas li jressaq provi fis-seduti tad-29 ta' April, 2015 u f'dik ta' l-20 ta' Mejju, 2015 fejn it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-gbir tal-provi maghluqa.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' erba' mija u disghin euro u wiehed u ghoxrin centezmi ta' euro [€490.21c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40145080.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015 li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

3. L-intimat, minkejja li inghata zewg opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu baqa ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

5. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat u konsegwentement qieghed jichad l-eccezzjoni tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-intimat, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ erba’ mija u disghin euro u wiehed u ghoxrin centezmi ta’ euro [€490.21c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------